

Brussell, 24 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12910/1/25
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0232 (COD)

CODEC 1277
ENV 849
CLIMA 343
AGRI 428
FORETS 71
RECH 393
TRANS 389

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-
Ħamrija) **(l-ewwel qari)**
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-
raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2024³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' April 2024⁴.

¹ 11566/23 + ADD 1-10.

² ĠU C, C/2024/887, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/887/oj>.

³ ĠU C, C/2024/5371, 17.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/5371/oj>.

⁴ 10570/24.

5. Fil-21 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq⁵, wara li kienu saru kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
6. Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-ftehim proviżorju milħuq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq. Sussegwentement, il-President tiegħu baġat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁶.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 9474/25 + COR 1, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 9474/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, fejn il-Ġermanja vvutat kontra u l-Awstrija astjeniet.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

⁵ 8818/25.

⁶ 10845/25.